Mill-President
Thomas S. Monson

Is-Sejħa tas-Salvatur biex Inservu

Dawk kollha li studjaw il-matematika jafu denominatur komuni x' inhu. Għall-Qaddisin tal-Aħħar Jiem, hemm denominatur komuni li jgħaqqadna lkoll flimkien. Dan id-denominatur komuni huwa s-sejħa individwali li lkoll kemm aħna nirċievu sabiex inwettqu ċertu ħidma fis-saltna ta' Alla hawn fid-dinja.

Inti qatt kont ħati ta' tgergir meta rċevejt xi sejħa? Jew dejjem taċċetta bil-ferħ kull opportunità li jkollok sabiex taqdi lil ħutek, għax taf li Missierek tas-Smewwiet ibierek lil dawk li Huwa jsejjaħ?

Nittama li aħna ma nitilfux l-oġġettiv reali tal-opportunitajiet għeżież li jista' jkollna sabiex inservu. Dan l-oġġettiv, dan l-għan etern, huwa l-istess wieħed li tkellem dwaru l-Mulej u li nsibuh fil-Ġawhra ta' Valur Kbir: "Għax araw, din hija l-ħidma tiegħi u l-glorja tiegħi—li tiġi fis-seħħ l-immortalità u l-ħajja eterna tal-bniedem."[1]

J' Alla aħna dejjem niftakru li l-mantell tas-sħubija fil-Knisja ta' Ġesù Kristu tal-Qaddisin tal-Aħħar Jiem mhijiex il-kappa tal-kumdità iżda minflok il-libsa tar-responsabbiltà. Id-dover tagħna, barra li nsalvaw lilna nfusna, hu li niggwidaw lil ħaddieħor lejn is-saltna ċelestjali ta' Alla.

Jekk aħna nimxu minn jeddna fil-mogħdija tas-servizz ta' Alla, aħna qatt ma nispiċċaw fil-pożizzjoni li spiċċa fiha l-Kardinal Wolsey ta' Shakespeare. Imneżża' mis-setgħa wara li kien qatta' ħajtu kollha jaqdi lis-sultan, jilmenta bin-niket:

Kieku jiena qdejt lil Alla b' nofs l-entużjażmu
li bih qdejt lis-sultan, Huwa ma kienx, fl-età
avvanzata tiegħi,
Iħallini għeri f' idejn l-għedewwa tiegħi.[2]

X' Tip ta' servizz jeħtieġ minna s-smewwiet? "Il-Mulej jeħtieġ il-qalb u moħħ lest għalih; u dawk li jinsabu lesti u obbidjenti għandhom jieklu l-frott bnin tal-art ta' Sijon f' dawn l-aħħar jiem."[3]

Ikolli nieqaf naħseb meta jiġi f' moħħi kliem il-President John Taylor (1808–87): "Jekk intom ma tkabbrux is-sejħa tagħkom, Alla jżommkom responsabbli għal dawk li stajtu ssalvaw kieku għamiltu dmirkom sewwa."[4]

Bħal torċ jiddi t-tjubija hija l-ħajja ta' Ġesù hekk kif Huwa jamministra fost il-bnedmin. "Jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej,"[5] iddikjara Ġesù hekk kif huwa rrestawra s-saħħa f' riġlejn il-magħtub, id-dawl f' għajnejn l-għami, is-smigħ f' widnejn it-trux u l-ħajja f' ġisem il-mejjet.

Permezz tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb, l-Imgħallem għallimna sabiex inħobbu lil għajrna bħalna nfusna.[6] Permezz tat-tweġiba Tiegħu lill-ħâkem żagħżugħ u għani, Huwa għallimna sabiex ninżgħu minn fuqna l-egoiżmu.[7] Meta tema' lill-5,000 ruħ, Huwa għallimna sabiex nilħqu l-bżonnijiet tal-oħrajn.[8] U permezz tal-Priedka fuq l-Għolja, Huwa għallimna sabiex infittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla.[9]

Fid-Dinja l-Ġdida, il-Mulej imqajjem mill-imwiet iddikjara, "Intom tafu x' għandkom tagħmlu fil-Knisja tiegħi; għaliex l-għemejjel li lili rajtuni nwettaq intom ukoll għandkom twettquhom; għaliex dak li rajtu lili nagħmel intom ukoll għandkom tagħmlu;"[10]

Aħna nbierku lil ħaddieħor hekk kif naqdu fid-dell ta' "Ġesù ta' Nazaret . . . li għadda jagħmel il-ġid."[11] Alla jberikna li niksbu l-ferħ hekk kif aħna nservu lil Missierna tas-Smewwiet filwaqt li nkunu qed inservu lil uliedu fid-dinja.

NOTI

1. Moses 1:39.
2. William Shakespeare, *King Henry the Eighth,* it-3 att, it-2 xena, linji 456–58.
3. Doctrine and Covenants 64:34.
4. *Teachings of Presidents of the Church: John Taylor* (2001), 164.
5. Luqa 22:27.
6. Ara Luqa 10:30–37; ara wkoll Mattew 22:39.
7. Ara Mattew 19:16–24; Mark 10:17–25; Luqa 18:18–25.
8. See Mattew 14:15–21; Mark 6:31–44; Luqa 9:10–17; Ġwanni 6:5–13.
9. Ara Mattew 6:33.
10. 3 Nephi 27:21.
11. Atti 10:38.

GĦALLEM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

"Jekk nagħmlu l-parti tagħna [il-Mulej] ma jippermettix li aħna nfallu. Huwa jelevana lil hinn mit-talenti u l-kapaċitajiet tagħna. . . . Hija waħda mill-aktar esperjenzi ħelwin li bniedem uman qatt jista' jesperjenza" (Ezra Taft Benson, f' *Teaching, No Greater Call* [1999], 20). Ikkunsidra li taqsam esperjenza partikolari meta inti jew xi ħadd li taf ħassejtu li l-Mulej elevakom lil hinn mit-talenti u l-kapaċitajiet tagħkom. Stieden lill-membri tal-familja sabiex jaqsmu wħud mill-esperjenzi pożittivi tagħhom hekk kif huma wieġbu "is-sejħa tas-Salvatur biex iservu."

ŻGĦAŻAGĦ

Inservu fit-Tempju

Minn Benjamin A.

Meta għalaqt 17-il sena, bdejt naħseb serjament dwar il-futur tiegħi, u tlabt lil Missieri tas-Smewwiet dwar x' nista' nagħmel sabiex inħejji ruħi ħalli nkun nista' mmur missjoni u nirċievi s-Saċerdozju Meklisedeku. Ħassejt li kelli nibda mmur it-tempju aktar ta' spiss għaliex huwa d-dar tal-Mulej u huwa l-post fejn inkun nista' nħossni aktar viċin Missieri tas-Smewwiet.

Għalhekk iddeċidejt li l-mira tiegħi kienet sa tkun li f' sena nagħmel 1,000 magħmudija. Verament ħassejt il-bżonn li nwettaq l-għan li kelli; jiena bdejt insum sabiex insir naf jekk dan kienx verament dak li kelli nagħmel. Missieri tas-Smewwiet weġibni, u kull nhar ta' Sibt bdejt immur fit-Tempju Messikan ta' Tampico.

Wara li kont għamilt mal-500 magħmudija, jiena ddeċidejt li għan ieħor tiegħi kien se jkun li nirriċerka l-istorja tal-familja dwar l-antenati tiegħi, u tant spiċċajt ħadt gost nagħmel ir-riċerka li ma kontx inkun nista' norqod għax kont inkun għadni qed infittex l-ismijiet. Sibt 50 isem u tmien ġenerazzjonijiet tal-istorja tal-familja tiegħi; kont ta' għajnuna sabiex twettqet il-ħidma tat-tempju għal kull wieħed u waħda minnhom.

Spiċċajt għamilt 'il fuq minn 1,300 magħmudija, iggradwajt mis-siminarju, irċevejt is-Saċerdozju Mekisedeku u issa qed naqdi bħala missjunarju full-time, li kienet waħda mill-akbar xewqat ta' ħajti.

TFAL

Nista' Nagħmel xi Ħaġa għall-Oħrajn

Ikoll kemm aħna nistgħu nagħmlu xi ħaġa biex ngħinu lil ħaddieħor. Il-President Monson għallem li għandna nħobbu lil kulħadd u għandna nitgħallmu biex naraw kif nistgħu ngħinuhom.

Waqt l-ikla mal-familja tiegħek, issuġġerixxi li kull membru tal-familja jaqsam xi ħaġa li dakinhar huwa għamel biex jaqdi lil ħaddieħor. Aqsam l-esperjenzi tiegħek ta' servizz fid-djarju tiegħek kuljum.

© 2012 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/11. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/11. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, August 2012*. Maltese. 10368 159

Irreaġixxi Meta Jkun Meħtieġ

Permezz tat-talb studja dan il-materjal u, kif inhu xieraq, iddiskutih mal-aħwa li inti żżur. Uża l-mistoqsijiet sabiex jgħinuk issaħħaħ lil ħutek u biex tagħmel lis-Soċjetà tal-Għajnuna parti integrali minn ħajtek.

Fidi, Familja, Għajnuna

Bħala għalliema taż-żjajjar, wieħed mill-għanijiet tagħna hu li nsaħħu l-familji. L-aħwa nisa li aħna nżuru għandhom ikunu kapaċi jgħidu, "Jekk ikolli xi problema, naf li l-għalliema taż-żjajjar tiegħi sa jkunu lesti jgħinuni mingħajr ma nitlobhom." Sabiex inservu, aħna għandna responsabbiltà li nkunu konxji tal-bżonnijiet tal-aħwa li aħna nżuru. Meta nfittxu l-ispirazzjoni, inkunu nafu kif nirrispondu għall-bżonnijiet spiritwali u temporali ta' kull oħt li niġu mqabbdin inżuru. Imbagħad, permezz tal-ħin, tal-kapaċitajiet u t-talenti tagħna u permezz tat-talb tal-fidi u tas-sapport spiritwali u emozzjonali tagħna, aħna nkunu nistgħu ngħinu billi nagħtu servizz kompassjonali waqt żminijiet ta' mard, mewt u f' xi ċirkustanzi speċjali oħra.[1]

Bis-saħħa tar-rapporti li jgħaddulha l-għalliema taż-żjajjar, il-presidenza tas-Soċjetà tal-Għajnuna tkun tista' tidentifika lil dawk li għandhom xi bżonnijiet speċjali minħabba xi mard fiżiku jew emozzjonali, xi sitwazzjonijiet urġenti oħra, u anke xi twelid, mewt, diżabbiltà, solitudni jew xi sfidi oħra. Imbagħad il-president tas-Soċjetà tal-Għajnuna tirrapporta lill-isqof b' dak kollu li ssib. Hija tikkoordina l-għajnuna meħtieġa taħt id-direzzjoni tiegħu.[2]

Bħala għalliema taż-żjajjar aħna għandna "raġuni kbira . . . sabiex nifirħu" minħabba "l-barkiet li aħna rċevejna, li ġejna magħżulin bħala strumenti f' idejn Alla biex titwettaq din il-ħidma kbira" (Alma 26:1, 3).

Mill-Iskrittura

Mattew 22:37–40; Luqa 10:29–37; Alma 26:1–4; Doctrine and Covenants 82:18–19

Mill-Istorja Tagħna

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, il-membri kienu ftit u kollha mill-istess inħawi. Il-membri setgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom f' ħin qasir meta jkun hemm xi ħadd fil-bżonn. Illum hawn 'il fuq minn 14-il miljun membru u jinsabu mifruxin madwar id-dinja. It-tagħlim taż-żjajjar huwa parti mill-pjan tal-Mulej biex Huwa jipprovdi l-għajnuna lil uliedu.

"L-unika sistema li tista' tipprovdi l-għajnuna u l-faraġ madwar knisja tant kbira f' dinja daqshekk varjata hija biss permezz ta' qaddejja individwali li jkunu viċin dawk fil-bżonn," qal il-President Henry B. Eyring, l-Ewwel Kunsillier fl-Ewwel Presidenza.

". . . Kull isqof u kull president ta' kull fergħa għandu miegħu president tas-Soċjetà tal-Għajnuna fuq minn jiddependi," kompla hu. "Hija għandha magħha għalliema taż-żjajjar, li jafu bl-isfidi u l-bżonnijiet ta' kull oħt. Hija tista', permezz tagħhom, tkun taf il-qlub tal-individwi u l-familji. Hija tista' tilħaq il-bżonnijiet u tgħin lill-isqof fis-sejħa tiegħu biex jieħu ħsieb il-familji u l-individwi."[3]

NOTI

1. Ara *Handbook 2: Administering the Church* (2010), 9.5.1; 9.6.2.
2. Ara *Handbook 2,* 9.6.2.
3. Henry B. Eyring, f' *Daughters in My Kingdom: The History and Work of Relief Society* (2011), 110.

X' Nista' Nagħmel?

1. Qiegħda nuża d-doni u t-talenti tiegħi biex imbierek lill-oħrajn?

2. L-aħwa li jiena mqabbda nieħu ħsieb jafu li jiena lesta ngħinhom meta huma jkunu fil-bżonn?

Għal aktar informazzjoni, żur is-sit reliefsociety.lds.org.

© 2012 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/11. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/11.
Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, August 2012.* Maltese. 10368 159